Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 44/17

**AVVIŻI**

**29 ta' Ottubru 2017**

Il-ġabra ta' dan il-Ħadd hija l-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-knisja u tal-parroċċa. Aħna mistednin inkunu ta' għajnuna għall-komunità nisranija billi naqsmu ma' ħutna minn dak li l-Mulej ipprovdielna.

~~~~~~~~~~~~~~~

Jibda l-ħin tax-xitwa u għalhekk mil-lum sat-28 ta' Marzu l-quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-6.15pm.

Nhar il-Tlieta 31 ta' Ottubru fis-7.30pm, lejlet il-festa tal-Qaddisin kollha sa jsir festin għat-tfal fid-dar parrokkjali. Min ikun ġej iġib miegħu xi ħaġa tal-ikel, xorb jew ħelu biex tinqasam mal-oħrajn. Dawk li jixtiequ jistgħu jilbsu ta' anġli jew qaddisin. Inżommu ħajja t-tradizzjoni nisranija tagħna li tiċċelebra l-ħajja u l-ferħ u mhux il-mewt u l-biża'.

Nhar l-Erbgħa 1 ta' Novembru, festa tal-Qaddisin kollha, issir ħarġa għat-tfal u l-familji. Niltaqgħu fl-10am fuq iz-zuntier. Wara nieħdu sehem fil-quddiesa tas-6.15pm

Nhar il-Ħamis 2 ta' Novembru hija t-tifkira tal-Mejtin kollha. Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.00am u fis-6.30am u fis-6.15pm.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru, l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, issir quddiesa għat-tfal fil-5pm. Din issir minflok il-laqgħa ta' katekeżi.

Nhar il-Ħadd 5 ta' Novembru ssir il-quddiesa fiċ-ċimiterju fl-4pm. Jekk ikun il-maltemp il-quddiesa ssir fil-Knisja ta' Burmarrad.
Matul ix-xahar ta' Novembru, kull nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd ikun hemm quddiesa fiċ-ċimiterju fil-11.30am.
~~~~~~~~~~~~~~~